MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 2302/2000/1

**Francesco Fenech Services Limited**

**vs**

**Direttur tal-Kuntratti**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici datata z-17 t’Ottubru, 2000, li permezz taghha s-socjetà attrici sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi d-Dipartiment tal-Kuntratti ghamel sejha pubblika fejn invita lil kull min kien interessat biex jissottometti offerti ghal xoghol ta' pavimentar fil-*"promenade"* ta' tas-Sliema bhala parti mix-xogholijiet ta' tisbieh f'tas-Sliema (CT Advert 399/99), skont il-kondizzjonijiet ippubblikati fl-imsemmija sejha, (ara foll 8 *et* sequitur);

1.2. Illi fis-22 ta' Dicembru, 1999, is-socjetà attrici intalbet tissottometti sett ta' kampjuni kif specifikati ghar-rigward tal-partiti hemm specifikati, u dan, wara li l-istess socjetà kienet issottomettiet l-offerta taghha wara l-imsemmija sejha;

1.3. Illi l-istess socjetà ssottomettiet il-kampjuni minnha mitluba;

1.4. Illi sussegwentement is-socjetà attrici kienet infurmata mill-konvenut illi l-offerti kollha mixhuta kienu gew michuda;

1.5. Illi s-socjetà attrici intavolat oggezzjoni ghal din id-decizjoni indikata fil-paragrafu precedenti u ddepozitat is-somma t'elf sebà mija u erbgha u sebghin Lira Maltin, (LM1,774.00);

1.6. Illi jirrizulta li kienet biss is-socjetà attrici li kienet intavolat oggezzjoni fir-rigward;

1.7. Illi nonostante s-suespost il-kuntratt in dizamina kien gie moghti lis-socjetà Attard Brothers Company Limited, u dan, minkejja li l-istess socjetà ma kienet intavolat l-ebda oggezzjoni;

1.8. Illi ghalhekk il-Kumitat Generali tal-Kuntratti kien naqas li josserva l-proceduri imposti mill-ligi u agixxa bi ksur ta' l-artiklu 469A (1) (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.9. Illi konsegwentement id-decizjoni tal-konvenut datata t-18 t'April, 2000, (ara foll 6), hi nulla u minghajr effett legali;

1.10. Illi bhala konsegwenza ta’ l-illegalità tal-operat tal-konvenut, is-socjetà attrici soffriet danni li ghalihom hu responsabbli l-istess konvenut;

1.11. Illi konsegwentement is-socjetà attrici aderiet din il-qorti biex il-konvenut ikollu l-opportunità jghid ghaliex din m’ghandiex:

1.11.1. Tiddikjara li d-decizjoni tal-konvenut tat-18 t’April, 2000, hi nulla, invalida u minghajr effett legali peress li tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artiklu 469A (1) (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.11.2. Tiddikjara li l-istess konvenut hu responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà attrici u dan, rizultat ta’ l-agir abbusiv u illegali tal-istess konvenut;

1.11.3. Salv il-likwidazzjoni tal-istess danni f’gudizzju separat;

1.11.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici kontra l-konvenut;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma’ l-istess fuq imsemmija citazzjoni, (ara foll 3);

3.0 Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-26 ta’ Frar, 2001, li permezz taghha l-konvenut sintetikament eccepixxa s-segwenti:

3.1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3.2. Illi l-konvenut qatt ma kiser xi wiehed mis-subincizi indikati mis-socjetà attrici senjatament, l-artiklu 469A (1)(b)(ii)(iii) u (iv) tal-Kap 12 fuq gia citat, u dan ghaliex:

3.2.1. Il-konvenut qatt ma naqas li josserva il-principji tal-gustizzja naturali jew xi procedura mandatorja waqt li kien qed jaghmel l-att amministrattiv jew hu u jiddelibera;

3.2.2. Illi l-konvenut dejjem mexa mal-ligi bl-akbar skruplu;

3.2.3. Illi l-att amministrattiv *de quo* bl-ebda mod ma jammonta ghal abbuz ta' l-awtorità pubblika *stante* li mhux ibbazat fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti;

3.2.4. Illi l-att amministrattiv in dizamina hu ibbazat fuq il-ligi u bl-ebda mod ma jmur kontriha;

3.3. Illi l-fatt li s-socjetà Attard Brothers Company Limited ma intavolat l-ebda oggezzjoni ma jfissirx li ma setghux jinghataw il-kuntratt ghaliex l-oggezzjoni mhix mandatorja biex wiehed jinghata l-kuntratt;

3.4. Illi s-socjetà attrici ma inghatatx il-kuntratt ghaliex l-offerta taghha kienet skwalifikata mill-Kumitat Generali tal-Kuntratti stante li l-offerta minnha sottomessa kienet wahda spekulattiva, u f'dan ir-rigward jinghad:

3.4.1. Illi s-socjetà attrici kkwotat erbà (4) prezzijiet ghall-istess partita partikolari minghajr ma tat l-ebda spjegazzjoni ghal dan mat-tfigh ta' l-offerta taghha;

3.4.2. Illi meta ghalqet id-data ghas-sottomissjoni ta' l-offerti il-konvenut, kif stabbilit mir-regolamenti in dizamina, xandar il-prezzijiet ikkwotati mill-offerti kollha;

3.4.3. Illi konsegwentement, wara din il-pubblicità ta' dawn il-prezzijiet, is-socjetà attrici kienet f'posizzjoni li taghzel liema mill-erbà prezzijiet minnha sottomessi kien jaqblilha li tikkwota;

3.4.4. Illi dan jammonta ghall-ingustizzja mal-offerenti l-ohra;

3.5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kif dedotti fl-istess nota tal-eccezzjonijiet in dizamina;

3.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-istess nota ta' l-eccezzjonijiet, (ara foll 32);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 t'April, 2002, li permezz tieghu innominnat lill-espert legali hemm indikata biex taghmel it-traskrizzjoni ta' zewg (2) *tapes* esebiti fl-istess udjenza ta' meta inghata l-imsemmi digriet, (ara foll 43);

6. Rat id-digriet sussegwenti taghha diversament preseduta datat l-4 ta' Novembru, 2002, li permezz tieghu hatret lill-perit tekniku hemm indikat, (ara foll 46);

7. Rat it-traskrizzjoni ta' l-espert legali riferita aktar qabel, (ara paragrafu numru hamsa (5) u foll 47);

8. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 ta' Lulju, 2004, li permezz tieghu, wara rikors appozitu tal-espert tekniku già nominat datat it-23 ta' Lulju, 2004, (ara foll 88), hatret perit legali hemm indikat il-fakoltajiet soliti kollha, (ara foll 89), biex jassisti lill-istess perit tekniku *de quo*;

9. Rat ir-rikors tal-perit tekniku mahtur f'din il-kawza datat il-15 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu talab li jigi lilhu revokat l-inkarigu precedentement moghti, (ara foll 183);

10. Rat id-digrieti taghha kif issa preseduta datati is-16 ta' Frar, u t-13 ta' Marzu, it-tnejn tal-2012, li permezz taghhom laqghet it-talba ghar-revoka tal-inkarigu tal-istess perit legali u sussegwentement issosstitwietu b'perit tekniku iehor, (ara foll 183 u 185);

11. Rat id-digriet taghha datat it-12 t'April, 2012, li permezz tieghu, wara li kien konstatat li l-kawza ilha wieqfa ghal diversi snin minghajr ma jigi riskontrat ebda progress ordnat lill-perit legali involut jirritorna l-ispoll, (ara foll 189);

12. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Lulju, 2012, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, wara li hadet in konsiderazzjoni r-rikors tal-perit legali in dizamina datat it-2 ta' Lulju, 2012, irrevokat

*contrario imperio* id-digriet precedenti taghha tas-27 ta' Gunju, 2012, (ara foll 193 u 192);

13. Rat id-digriet taghha datat l-10 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalità u fit-termini hemm indikati, (ara foll 344);

14. Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjetà attrici datata s-7 ta' Marzu, 2014, (ara foll 350);

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut datata l-25 t'April, 2014 (ara foll 362);

16. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

17. Semghet ix-xhieda mismugha quddiemha;

18. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

19.1. Illi fuq talba mit-Taqsima tax-Xogholijiet fi hdan il-Ministeru ghall-Ambjent, id-Dipartiment tal-Kuntratti kien habbar sejha pubblika datata s-26 ta' Novembru, 1999, ghall-offerti ghall-pavimentar tal-*"promenade"* ta' tas-Sliema;

19.2. Illi din is-sejha kienet iggib in-numru CT399/99, (ara foll 145);

19.3. Illi s-socjetà attrici kienet intavolat l-offerta taghha fir-rigward fit-terminu preskritt u *a tenur* tal-kondizzjonijiet tal-istess sejha, (ara foll 145);

19.4. Illi wara s-sejha in dizamina kienu tmin kumpaniji li esprimew l-interess taghhom fir-rigward u issottomettew l-offerta taghhom ghall-istess – fosthom l-imsemmija socjetà attrici, (ara foll 145 u 363);

19.5. Illi skont il-minuta datata l-20 ta' Marzu, 2000, (ara foll 152), jirrizulta li d-Direttur Generali, Taqsima tax-Xogholijiet, kien irrakkomanda li l-kuntratt tal-pavimentar in dizamina kellu jinghata lill-offerta l-aktar baxxa senjatament dik sottomessa mis-socjetà attrici;

19.6. Illi jirrizulta wkoll li d-Direttur tal-Kuntratti ma qabilx mal-konkluzjoni tad-Direttur Generali indikat fil-paragrafu precedenti *stante* li fl-offerta taghha s-socjetà attrici: (ara foll 153)

19.6.1. Ikkwotat erbà (4) prezzijiet;

19.6.2. Izda issottomettiet kampjun wiehed;

19.7. Illi r-rizultat tal-istess decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, l- offerta tas-socjetà attrici giet skwalifikata, (ara foll 146);

19.8. Illi in effetti, minn rapport redatt mill-kumitat ta' evalwazzjoni appozitament imwaqqaf ghal dan il-ghan, datat is-6 ta' Marzu, 2000, jirrizulta li minn tmin (8) offerenti – hamsa (5) biss kienu ssottomettew il-kampjuni taghhom skont is-sejha in dizamina, (ara foll 197 u 246);

19.9. Illi l-imsemmija kampjuni kienu gew ezaminati fil-laboratorji specjalizzati tat-Taqsima tax-Xogholijiet u l-ebda kampjun minnhom ma nstab li kien skont il-kriterji rikjesti, (ara foll 197);

19.10. Illi nonostante r-rizultanza negattiva indikata fil-paragrafu precedenti, l-istess rapport tekniku ikkonkluda s-segwenti:

> "The cheapest of the three short listed offers is therefore that of tenderer no. 5, Messrs F. Fenech Services Limited", (ara foll 249);

19.11. Illi sussegwentement jirrizulta li intalab li jsir ri-ezami iehor tal-kampjuni tal-offerenti fejn tliet (3) offerenti biss kienu issa involuti, senjatament: (ara foll 197)

19.11.1. Is-socjetà attrici;

19.11.2. Hal Mann, u

19.11.3. Attard Brothers Limited;

19.12. Illi jirrizulta ghalhekk li ghall-kumitat t'evalwazzjoni fi hdan it-Taqsima tax-Xogholijiet, dawn it-tlett (3) socjetajiet li regghu issottomettew il-kampjuni taghhom mill-gdid ittiehdu li kienu ghadhom interessati fis-sejha in dizamina, filwaqt li dawk li naqsu li jergghu jissottomettu l-kampjuni taghhom kienu tilfu l-interess;

19.13. Illi f'dan it-tieni skrutinju jidher li l-kampjun t'Attard Brothers Limited irrizulta ftit ahjar minn dak tal-kompetituri tieghu u allura kien "...deciz li l-kuntratt jinghata lil Attard Brothers Limited" bil-kundizzjoni hemm imposta, (ara foll 198);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li tirrizulta s-segwenti anomalija:

20.1. Illi a tenur tal-minuta datata l-20 ta' Marzu, 2000, fuq riferita, id-Direttur Generali, Taqsima Xogholijiet, kien irrakkomanda lis-socjetà attrici ghax-xogholijiet in dizamina, (ara paragrafu numru dsatax punt hamsa, (19.5.), aktar qabel);

20.2. Illi l-istess Direttur Generali indikat fil-paragrafu precedenti kien sussegwentement minflok irrakkomanda li x-xogholijiet de *quo* jsiru mis-socjetà Attard Brothers Limited li eventwalment inghatat il-kuntratt in dizamina, (ara paragrafu numru dsatax punt tlettax, (19.13.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

21.0. Illi minn analisi tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi l-partijiet kollha involuti, senjatament:

21.1.1. Id-Direttur Generali, Taqsima Xogholijiet;

21.1.2. Id-Direttur tal-Kuntratti;

21.1.3. L-offerenti kollha li wiegbu ghas-sejha in dizamina;

kienu kollha marbuta bil-kundizzjonijiet tas-sejha originali in dizamina, (ara foll 8 *et sequitur*),

21.2. Illi s-sejha in dizamina apparti li kienet torbot lill-partijiet kollha involuti, inkluz lill-istess konvenut, ma kienitx taghti lok ghall-ri-ezami tal-kampjuni sottomessi wara is-sejha originali;

21.3. Illi l-libertà mehuda mir-rapprezentanti Dipartimentali fuq riferiti li jsejhu ghall-ezami mill-gdid tal-kampjuni u ghall-varjazzjonijiet mill-gdid tal-prezzijiet involuti, tirrizulta li hi *"ultra vires"* il-limiti imposti mis-sejha originali u sservi biss biex tibda tinxtamm riha t'irregolarità nociva f'qasam fejn ir-regolarità tal-procedura fit-trasparenza hi l-uniku operat essenzjali ghall-holqien tal-fiducja pubblika tant essenzjali fir-rigward;

21.4. Illi ghandu jkun pacifiku li la lill-kumitat tekniku in dizamina irrizultawlu irregolaritajiet fid-deskrizzjonijiet minnu mitluba tant li konsegwenza tal-istess, hadd mill-offerenti ma setà jitqies indoneu skont is-sejha originali, allura l-offerenti kollha kien misshom gew skwalifikati immedjatament u konsegwentement terga tinghajjat sejha ohra mill-gdid biex l-iskop originali ghall-istess sejha xorta jkun jista jintlahhaq bil-limpidezza dovuta;

21.5. Illi hu proprju dan it-titubar, hafna drabi mistur, li jghati lok ghall-pre-okkupazzjonijiet serji li ghandhom jigu eradikati darba ghal dejjem minghajr l-ebda ezitazzjoni fir-rigward;

Ikkunsidrat:

22. Illi kif isostni bi kjarezza Antonio Cianflone f' "L-Appalto Di Opere Pubbliche", Ottava Edizione, p. 389;

> "Il sistema è necessariamente ad offerta di prezzi. Essenzjale al concetto di appalto – concorso è che dalla gara risulti la scelta del progetto, ha quelli riconosciuti idonei per la finalità dell'amministrazione, più favorevole sia sotto l'aspetto tecnico sia sotto il profilo economico e che l'impresa si obblighi all'escuzione dell'opera alle condizioni e ai prezzi indikati nell'offerta";

23. Illi tenut kont li hadd mill-offerenti ma jirrizulta li ikkwalifika skont in-normi prestabbiliti fis-sejha originali, allura l-operat sussegwenti ghal din ir-rizultanza mehud mill-konvenut u mill-kumitat t'esperti minnu imwaqqaf jirrizulta li hu *ultra vires* il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-istess amministrazzjoni *de quo*;

Ikkunsidrat:

24. Illi konsegwenza tas-suespost ghandu jkun pacifiku li dan ir-ri-ezami inkonsult u mhux awtorizzat, kien dak li effettivament wassal ghad-dizgwid riskontrat u ghad-danni lamentati mis-socjetà attrici;

25. Illi ghalhekk, tali eghmil amministrattiv legittimament jaqà taht l-iskrutinju tal-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili *ai termini* tal-artiklu 469A tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

26. Illi in effetti ghalhekk, jigi hawn dikjarat li t-tieni ezami tal-kampjuni kif fuq deskritt jirrizulta li hu *ultra vires* u kien dan, taht il-mantell tal-oskurità mohbija mill-iskrutinju trasparenti, li jwassal ghas-sitwazzjoni sfortunata odjerna;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetà attrici pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

27.1. Tiddikjara li d-decizjoni tal-konvenut datata t-18 t'April, 2000, hi nulla, invalida u minghajr effett legali peress li tmur kontra id-disposizzjonijiet tal-artiklu 469A (1) (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

27.2. Tiddikjara li l-istess konvenut hu responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà attrici, u dan, rizultat ta' l-agir abbuziv u illegali tal-istess konvenut;

27.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------